**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum l-24 ta' Awwissu 2021**

**Kaz. Nru; 182-130**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Antoine Zerafa**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Antoine Zerafa, ta' sebgha u tletin (37) sena bin Paul u Adelina xebba Scicluna, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Frar 1981, residenti gewwa 5, Redentur, Triq Habel ix-Xghir, Sqaq Nru. 3, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117881M , senjatament akkuzat talli;

Nhar it-18 ta' Marzu 2018, fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta, bhala is-sid tal-bastiment zghir bin-numru ta' registrazzjoni S-20336 u ekwipaggjat b'mutur Mariner 40Hp, uza tali bastiment zghir fil-bahar meta r-registrazzjoni ta' tali bastiment zghir kienet skaduta u meta l-ebda bastiment zghir li jahdem bil-mutur m'ghandu jintuza fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta kemm il-darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat mal-Awtorita' taht dawn ir-regolamenti jew kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat taht l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taht l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, jew kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat jew dokumentat ghas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita' taht il-ligi ta' xi pajjiz iehor li mhux Malta u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, saq tali bastiment zghir li jahdem bil-mutur fl-ibhra interni u torritorjali ta' Malta minghajr ma kellu licenzja nawtika mahruga mill-Awtorita' (jew rikonoxxuta mill-Awtorita': Notice to Mariners 03/2017) u ma kienx

kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghal dak l-ammont li jigi approvat mill-Awtorita' u kontra kull responsabbilita' ghar-rigward ta' xi mewt jew feriment ta' persuna jew hsara lill-propjeta' ta' terzi u dan bi ksur tar-Regolament 29 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti uza bastiment zghir li jahdem bil-mutur kemm-il darba, ghall uzu tal-bastiment zghir li jahdem bil-mutur, ma kienx hemm fis-sehh polza ta' l-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skont dawn id-disposizzjonijiet u dan bi ksur ta' Regolament 43 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont ir-Regolament 43(4)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52, tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil Antoine Zerafa milli jkollu licenzja jew li jikseb licenzja ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data ta' meta jkun instab hati.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat li mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultawx bizzejjed dettalji bil-ghan li jigu ppruvati l-elementi tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom. Fil-fatt ir-rapprezentanti tal-AFM li dakinhar ghamlu l-ispezzjoni ma kienux cari u kategorici dwar il-verifiki li saru dakinhar tal-ispezzjoni fejn fil-fatt lanqas kienu f'posizzjoni li jiddentifikaw il-bastiment in kwistjoini. Id-dettalji li taw dwar il-kaz jidher li nghataw ghaliex huma normalment bhala rutina jagixxu b'dak il-mod. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostani, l-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxiella tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi dwar il-htija tal-qua imputat.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li regghet rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat u l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 3(1); 29 u 43 tal-Ligi Sussidjarja 499.52, fuq nuqqas ta' provi, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Dep.Reg.